Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

Data tal-laqgħa: 13 ta' Jannar 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier
Stephen Gatt - Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI:

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

# 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

35.1.1 Email mingħand is- Sur Grech fejn għaraf lill-Kunsill li ma setax jattendi l-laqgħa peress li kellu kuntatt ma' persuna li kienet pożittiva għal Covid. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

# 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

41.2.1 Is-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 40. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

41.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal- Kunsillier Stephen Gatt, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

# 41.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

40.3.1 <u>40.3.3- Ġibjun taħt il-Knisja</u>

Rigward il-ġibjun is- Sindku qal li mhux sempliċi li kemm taqbad u tbattal il-ġibjun, il-problema hi li ma l-ewwel xita li terġa tagħmel dan jimtela mill-ewwel. Is- soluzzjoni *long term* hi li jew il-ġibjun jingħalaq b'mod li ma jkunx jista' jerġa jimtela jew inkella l-ġibjun ikollu drain awtomatiku. Huwa qed jipproponi li jekk ser isir xi xogħolijiet dawn għandhom isiru b'parir professjonali. Il-Kunsill approva u ser jitqabbad il-perit tal-kunsill biex jagħmel rapport u jtina parir.

# 41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

41.4.1 Is-Sindku xtaq jibgħat nota ta'ringrazzjament lir- Reġjun Tramuntana li meta l-uffiċċju tal-Kunsill kellu jingħalaq minħabba kaz ta' covid, ir- Reġjun bgħat skrivan minn tiegħu biex jkun jista jingħata servizz limitat lir-residenti

41.4.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa tar- Reġjun il-ġdid fejn ġew trattati diversi temi fosthom il-proġetti li għaddejjin mill-istess Reġjun. Fil-ġimgħat li ġejjin ser issir laqgħa bejn iz-zewġ naħat.

41.4.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li huwa kellem lis- CEO tal-LESA fejn ġie mifthem li l-ssir laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-LESA fejn ser jiġu diskussi l-varji problemi li niltaqgħu magħhom ġewwa l-lokalita'. Sadanittant buwa kellu wkoll komunikazzjoni ma' l-Ispettur tad- Distrett fuq problema partikolari ta' infurzar u fejn ukoll ġie nfurmat li fil- ġranet li ġejjin ser jibda' il-Community Police ġewwa Hal Balzan

41.4.4 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li huwa bgħat email lil kuntrattur dwar is-sitwazzjoni tad-dawl fit-toroq għaliex fuq rapporti ta' tiswija qed jonqos li jimxi mat-termini tal-kuntratt u kien hemm assigurazzjoni li l-Kunsill fuq kull rapport li jsir jiġi nfurmat bl-andament tax-xogħolijiet.

41.4.5 Is-Sindku nfurma lill- Kunsill li bgħat email lill-Enemalta fuq it-toroq Guze Bonnici u San Valentinu li qed ikun hemm dizgwid bejn il-kuntrattur u l-korporazzjoni dwar min minnhom għandhom jagħmlu xogħolijiet ta' tiswija. Din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' sejra hekk u tri tiġi solvuta minnufih.

41.4.6 Is- Sindku wera' d-dispjaċir tiegħu fil-konfront ta' TM rigward il-parking bays li ttieħdu mill-lukanda Corinthia u li ġew riservati għal lukanda. Dan għaliex huwa kien bgħat tlett emails jitlob għal kjarifikazzjoni jekk dawn sarux b'mod legali mingħajr ma kien infurmat il-Kunsill. Pero' il-Kunsill baqa' bla risposta. Għaldaqstant huwa kien ser jagħti ultimatum lil TM u f'kaz li din ir-risposta tibqa' ma tingħatax, huwa kien ser jibgħat email oħra lil TM pero' din id-darba jkunu nfurmati l-Gazzetti Lokali.

41.4.7 Is- Sindku qal kif kulħadd jaf il-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ kella tinbidel minħabba problema li kienet inqalgħet lill- Greenpak u li ma kellnix kontroll fuqha. Huwa kompla qal li nfurma lill-Ministeru konċernat b'din il-bidla biex ikun jista' jiġi approvat u jinħareġ avviż legali. Huwa qal li ukoll li din il-bidla tal-ġurnata ma tikkonċernax lill-Kunsill ta' Ħal Balzan biss imma lil aktar min ħmistax il-Kunsill oħra madwar Malta

41.4.8 Is- Sindku ressaq talba quddiem il-Kunsill biex tiġi impjegat/a, skrivan/a mal-Kunsill. Raġuni hija li dawn l-aħħar snin, ix-xogħol fil-Kunsilli żdied mhux ħażin peress li f'dawn l-aħħar snin ġew introdotti diversi servizzi offruti kif ukoll żdiedu r-residenti li ġew joqgħodu ġewwa Hal Balzan. Huwa qal li wasalna f'punt li jekk tiġi nieqsa xi waħda mill-impjegati minħabba raġunijiet ta' leave jew sick leave, is-servizz li jingħata ma jkunx daqstant fil-pront.

41.4.8.1 Il-Kunsill approva dan l-ingaġġ.

## 41.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

41.5.1 Il-Viċi Sindku talbet li jiġu nfurmati d-Dipartiment tas- Sanita biex jitfaw il-valenu tal-ġrieden fl-inħawi ta' Triq L-Annunzjata, Wiġi Ebejer, Dun Spir Sammut u ħdejn il-bandli għax dan l-aħħar feġġew il-ġrieden.

41.5.2 Il-Viċi Sindku qalet li filgħaxija qed ikun hemm id-dlam fil-bandli u għaldaqstant ser jitqabbad electrician biex jara' x'inhi il-problema

## 41.6 Performance Bonus għas-Sena 2021 lis- Segretarju Ezekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

41.6.1 Id-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapporti tal-*performance* għas-sena 2021 tas-SE, DSE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-ħaddiema klerikali jingħataw il-massimu ta' 6

41.6.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Uffiċjal fejn unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju liz-zewġ impjegati.

41.6.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE u DSE fil-preżenza tad- DSE. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

## 41.7 Proġett għalqa fi Wesgħa Profs Aquilina -

41.7.1 Is- Sindku beda biex qal li l-proġett li għandu f'moħħu l-Kunsill hu li l-għalqa tinbidel fi Green area u jekk hemm spazju jkun hemm xi faċilitajiet sportivi u l-kumplament ikun allokat għal parkeġġ għal vetturi elettriċi u jiġu installati charging pillars. Huwa kompla qal li dan il-proġett jirrefletti l-policy tal -Gvern Ċentrali li qed jimbotta biex ikollna arja mingħajr tniġġiz.

41.7.2 Is- Sindku qal li l-ewwel irrid ikun hemm devoluzzjoni ta' l-art imbat il-Kunsill jibda jaħseb biex jinvesti f'dan il-proġett. Għaldaqstant huwa ser jikteb lil Ministru Miriam Dalli u jinfurmaha b'din l-idea biex finalment di it-talba tiġi kkunsidrata u tingħata lill-Kunsill.

## 41.8 Konservazzjoni u Restawr ta' l-Istatwa Santa Marija Assunta

41.8.1 Wara li l-permess għal restawr ta' l-istatwa ġie approvat mill-Planning Authority, id- DSE infurma lill- Kunsill li kienet ħarġet sejħa mid- Dipartiment għal Gvern Lokali għal manutenzjoni fuq postijiet storiċi żgħar fejn l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet approvata pero' sa' llum ma ġejnix kkuntattjati mid- Dipartiment biex jiġi ffirmat dan il- ftehim

41.8.2 Il-Kunsill talab li tintbagħat reminder lid- Dipartiment biex naraw din l-applikazzjoni f'liema stadju wasalna biex ma ndumux li jibdew ix-xogħolijiet.

## 41.9 Tipjip barra Postijiet Kummerċjali - Mizuri

41.9.1 Is- Sindku qal li wasal iz-zmien li l-problema tar-rimi ta' sigaretti barra fit-triq għandha tiġi ndirizzata u għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li jitwaħħlu xi tip ta' ashtrays li estetikament jirriflettu l-karetteristiċi tal-lokal. Filwaqt li ma jistawx jitwaħħlu kullimkien, il-ħsieb huwa li jkun hemm ammont sostanzjali speċjalment fejn hemm stabbilimenti kummerċjali pero' dejjem jiddependi mill-prezz u kemm jiflaħ għal din l-ispiza il-Kunsill.

41.9.2 Il- Kunsill qabel ma' din il-proposta

## 41.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

41.10.1 Id- DSE infurma lill-Kunsill li l-pagament mir- Regjun Ċentru fuq Skema Nru. 1 sar u daħlu fil-kontijiet tal-Kunsill.

41.10.2 Id- DSE infurma lill-Kunsill li l-ewwel tranche ta' l-allokazzjoni għas-Sena 2022 ġiet depositata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fil-kont tal-bank. Ser jintbagħat lill- Kunsill draft budget għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill u jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

41.10.3 Id- DSE infurma lill- Kunsill li fir-rigward ta' l-agreement li sar għat-tisbieħ u manutenzjoni tal-bandli hemm l-ammont ta' €8279.77. Fil-laqgħa li jmiss ser jiġi diskuss x'tip ta' manutenzjoni jista' jsir fil-bandli

41.10.4 Is- Sindku qal li l-kunsill rċieva email mingħand persuna li ser tiftaħ ħanut fir Triq San Franġisk u talbet li fl-istess triq peress li hemmhekk hemm it-tabella ta' No Parking within 90 minutes li jinħareġ permess mill-Kunsill u tiġi trattata bħala residenti. Il-Kunsill ma approvax għaliex jinħoloq preċedenti.

41.10.5 Is- Sindku talab li tintbagħat reminder oħra lil Alarmtech biex ix-xogħolijiet fuq l-installar tal-cameras fi Wesgħa Profs Aquilina jibdew mingħajr aktar dewmien.

## 41.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Kunsill

41.11.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 12/21, li tinkludi l-ammont ta' €39.50c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2021.

41.11.2 L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament u għandhom isiru l-ħlasijiet

## 41.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- seduta li jmiss

41.11.1 Il-Laqgħa mtemmet fis-17.27pm

41.12.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 3 ta' Frar 2022 fl-4pm

Il-minuti ġew ippreparati mis-SE. Konfermati, illum il-Ħamis 3 ta’ Frar 2022

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Mark Mallia<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |